MINUTI

GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SITT LEĠISLATURA  2008 - 2013

SEDUTA NUMRU 20 *AD HOC*

IT-TNEJN 9 TA' MARZU 2010 FIS-6.30 TA' FILGĦAXIJA

PREŻENTI

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

TALBA

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I ATTIVITA' KULTURALI – FOLKLORISTIKA

i Is-Sindku ippreżentat program ta' din l-attivita'. Hija qalet li l-EU approvat li dan isir bejn l-20 u s-27 ta' April 2010 biex ma jaħbatx maż-żjara li l-Qdusija Tiegħu il-Papa se jagħmel f'Malta. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u approva l-program.

## II TENDERS / QUOTATIONS

### PHOTOVOLTAIC SYSTEM

i Is-Sindku rrappurtat li tkellmet mal-Inġinier Curmi dwar il-konferma ta' Panta Marketing Ltd u dan qal li jibqa' jsostni dak li qal fir-rapport u għalhekk m'hemmx għalfejn jerġa' jikkonferma. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li l-Kunsill għandu jibqa' jinsisti li l-Inġinier Curmi jivverifika bil-miktub li l-offerta ta' Panta Marketing Ltd hija skond l-ispeċifikazzjonijiet. Is-Sindku qalet li kieku din l-offerta ma kienitx skond l-ispeċifikazzjonijiet l-Inġinier kien fi dmir li jiskwalifikha u mhux jirrakkomanda li tista' tiġi aċċettata. Il-Kunsill reġa' irrefera għar-rapport tal-Inġinier u ddiskuta din il-materja. Is-Sindku ipproponiet li l-Kunsill jaċċetta l-irħas offerta ta' Panta Marketing Ltd peress li hija l-aktar waħda vantaġġjuża. Il-Kunsillier E. Muscat issekonda. Il-votazzjoni kienet 4 favur u astenzjoni.

### SUSTAINABLE ENERGY ACTION PLAN

ii Is-Sindku rrappurtat li l-Kunsill ġie mitlub joħroġ sejħa ghall-offerti għal dan is-servizz. Hija qalet li dan huwa parti mill-Patt li se jiffirmaw is-Sindki ta' l-Ewropa biex sas-sena 2020 l-emmisjonijiet jitnaqqsu b'20%. Hija nfurmat ukoll li ftit ġimgħat oħra se jsir l-iffirmar ta' dan il-patt fi Brussels u pproponiet li s-Segretarju Eżekuttiv tattendi magħha għal din iċ-ċerimonja. Il-Kunsill unanimament approva dan.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## II TENDERS / QUOTATIONS (... ikompli)

SERVIZZI OĦRA

iii Il-Kunsill approva li ssir sejħa għall-offerti għal dawn is-servizzi

- Akkomodazzjoni
- Servizz ta' catering
- Servizz ta' transport
- Gazebos u tined

**Il-Laqgħa spiċċat fit-8.30pm. u sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 23 ta' Marzu 2010 fil-5.30p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv